# *Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali Marsa*

## **Minuti**

## **Disa' Legislatura**

## ***Laqgħa numru 17***

***3.00p.m 23 ta' Lulju 2020***

### ***Preżenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | - Sindku |
| Is-Sur Joseph Scerri | - Viċi Sindku |
| Is-Sur Colin Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | - Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Lia | - Kunsillier |
| Is-Sinjura Charmaine Aquilina | - Kunsillier |

### ***Assenti b'Apoloġija***

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier

### ***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online permezz tal-messanger.

## *17.1 Management Letter u t-Tweġiba*

17.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul is-sena x-xogħol li jitwettaq mill-amministrazzjoni tal-Kunsill jiġi awditjat sabiex ikun hemm rendikont li x-xogħol amministrattiv li qed jsir qed ikun skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali. Wara li jsir dan l-awditjar ikun hemm Management Letter u l-Kunsill ikun mitlub sabiex jwieġeb din l-ittra. Hawnhekk is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekkuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert sabiex jagħti l-punti ewlenin tat-tweġiba tal-Kunsill għall-Managment Letter li din ser tintbgħat lill-Awditur Ġenerali.

17.1.2 Is-Segretarju qal li l-akbar numru ta' punti li ġew imqajma fil-Management Letter kienu ta' natura ta' book keeping min naħa tal-accountants, pero' kien hemm ukoll punti zgħar li huma ta' natura amministrattiva. Fejn l-awdituri jkollhom raġun l-amministrazzjoni tal-Kunsill taddatta skont il-pariri mogħtija. Madankollu, ikun hemm okkazzjonijiet fejn l-awdituri ma jkunux jafu d-dettalji ta' x'ikun ġara, per eżempju dwar tenders li kienu magħluqa u li kienu fil-proċess li dawn joħorġu. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu mistoqsijiet fir-rigward, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien uanimu.

## *17.2 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

17.2.1 Il-laqgħa ntemmet fis-3.05pm u ġiet aġġornata għad-11 t'Awissu fit-3.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv